**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Istruttorja**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**-vs-**

**Joe Zahra, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 153384M**

*Kump. Nru.645/2018*

Illum, **28 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joe Zahra** u ċioe` talli:

Nhar id-9 ta' Ottubru 2018, bejn is-siegħa (13:00hrs) u is-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs) ġewwa Triq Tumas Galea, Birkirkara:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' haddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi b'arma irregolari fuq il-persuna ta' Timothy Mangion skond kif iċċertifikat Dr Daphne Gatt Nru. Reg 3689 tal-Isptar Mater Dei;

2. Attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioè kontra l-persuni ta' PC 1413 A. Agius, PC445 A. Bugeja, PC606 J. Ellul u PC 752 J. Said, filwaqt li kienu qed jaġixxu ghal-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorità' kompetenti;

3. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuni ta' PC 1413 A. Agius, PC445 A. Bugeja, PC606 J. Ellul u PC 752 J. Said, liema persuni huma inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè vettura tal-għamla Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP 174, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin euro (Euro 250) għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli fid-9 ta' Ottubru 2018 u fil-jiem u xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer kiser il-libertà proviżorja billi naqas mill jħares il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, Maġistrat Dr Neville Camilleri LL.D., nhar it-22 ta' Ottubru 2012, fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja u li jiffirma l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan.

Il-Qorti ġiet mitluba tirrevoka is-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ta' għoxrin elf Ewro (Euro 20,000) għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Joe Zahra u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat fejn b'digriet ta' nhar it-22 ta' Ottubru 2012 kien nghata l-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat N Camilleri LL.D., kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' ta' Timothy Mangion billi jiġu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Jannar, 2020[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja kif maħsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-Artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 96(a) u 99A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 95 u 99A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.320

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2020, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi deċiż minn din il-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Mejju, 2024.

**Il-Provi**

Ġie preżentat il-**Proċess Verbal numru 863/2018** redatt mill-Onor. Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit.[3]

**Timothy Mangion,** wara li nghata d-debita twissija, spjega li fl-10 ta' Ottubru 2018 meta kienu xi 9:30am -10:00am, ltaqa' mal-imputat il-bandli ta' Paris li informah li ser imur jixtri flixkun Vodka. Kif ġie lura Mangion stieden lill-imputat sabiex imorru d-dar tiegħu, 68, Casa Mangion, Triq Tumas Galea, Ta' Paris, Birkirkara. Hekk kif waslu d-dar, l-imputat fetaħ il-vodka u bdew jixorbu. L-imputat talbu flixkun, *foil* u *straw* u ħareġ pakkett li kien fih blokka '*coke tal-pipa'* li beda jkissirha sabiex jieħu minnha. Mangion jgħid li filwaqt li hu ma ħax minnha, l-imputat beda jiġbed minnha:

> *"**Xhud**: ...x'hin beda jpejjep u hekk mar fejn il-bieb tal-bitha u rega għamel bicca kbira, meta għamel bicca kbira waqa mal-art. Tfajtu recovery position u jien ma cempiltx ghall-ambulanza jew hekk. Hsibt li se jigi f'tiegħu..."*[4].

[2] Fol.321

[3] **Dok.BM** a fol.56

[4] Fol.60-61

Wara madwar ħmistax-il minuta, l-imputat ġie f'tiegħu u kif qam beda jgħajjat *"pulizija, pulizija"* għaliex ħaseb li Mangion kien Pulizija. Ftit wara, jkompli jispjega Mangion:

> ***Xhud***: *... Imbaghad meta beda jigi naqra f'tiegħu, ġie fuqi u tghidx kemm tani bil-ponn, kellu sahha enormi. Imbaghad meta tani bil-ponn kisser bowl hekk tal-kanella u beda jtini hawnhekk fuq rasi.*
>
> ***Qorti***: *Ta' xhiex kienet dil-bowl?*
>
> ***Xhud***: *ma nafx eżatt, vojta kienet. Ma nafx x'kienet u tuzahha l-mummy, ghalxiex..*
>
> ***Qorti***: *Iva imma tal-hgieg, tal-injam?*
>
> ***Xhud***: *tal-hgieg, tal-hgieg. Imbaghad wara hemm mar fil-kċina u mar jfittex gol-kxaxen u sab l-imqass. Wara l-imqass beda jtini bih f'saqajha u f'idejja u f'idejja l-oħra imbaghad qalli iftahli l-bieb u jiena ma stajtx niftahlu ghax kont wisq weak ma stajtx inqum bilwieqfa u niftahlu jiena. Imbaghad minn hemm 'l hemm bdejt nikrollja l-kuritur biex nipprova niftahlu u ma stajtx niftahlu, imbaghad beda jwaddabbli l-inkwadri, qaleb il-mejda. Imbaghad ġew il-pulizija u pruvajt niftah ergajt il-bieb li ma stajtx niftah u kien fil-kamra tal-pjanu, imbaghad ergajt waqajt u ntlift minn sensija u x'hin gejt naqa f'tieghi bdejt nghidilhom isgussaw il-bieb. Imbaghad isgussaw il-bieb. Imbaghad Joseph gera fil-bitha u qabeż ghand in-neighbours. Imbagahd ergajt intlift u minn hemm l' hemm ma niftakarx, niftakar li qomt l-isptar imbaghad."*.[5]

Mistoqsi in kontro-eżami, Mangion jinnega li hu kellu d-droga jew li kien stieden lill-imputat sabiex jmorru jieħdu d-droga fid-dar tiegħu. Jinnega ukoll li kien sakkar il-bieb tar-residenza u kif ukoll li kien seraq flus li kienu fuq l-imputat.

Mill-**Current Incident Report**[6], esibit in atti, jirrizulta li fid-9 ta' Ottubru 2018, ghal ħabta tas-13:15hrs, daħlet telefonata ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara minn persuna anonima li rrapportat li kien hemm persuna tgħajjat għall-assistenza minn ġewwa residenza bl-indirizz 68, Triq Tumas Galea, Birkirkara. Meta il-pulizija, PC 1413, PC 445, PC606, u PC 752, irrikorrew fuq il-post, ħabbtu fuq il-bieb ta' barra u bdew jisimgħu persuna maskili jgħajjat minn ġewwa għall-għajjut. Dan beda jgħid li qed jitlef ħafna demm u li ser imut. Wara li ma rnexxilhomx jisgassaw il-bieb ippruvaw jidħlu mit-tieqa, iżda hemm mar għalihom l-imputat li kien għadu ġewwa , li beda jxejjer imqass u tornavit. Kif

[5] Fol.64-65
[6] Fol.13 et seq

il-Pulizija reġgħu ttentaw jisgassaw il-bieb, l-imputat mar wara l-bieb jirreżisti l-sgass. Ftit wara meta rnexxielhom jisgassaw il-bieb, l-imputat daħal jiġri 'l ġewwa. Sabu lil Timothy Mangion mixħut mal-art bid-demm, u dan indikalhom li Zahra daħal fil-kċina.[7]

Malli l-Pulizija avviċinaw lil Zahra, dan ħareġ fil-bitħa w reġa' beda jxejjer imqass u tornavit f'id waħda, filwaqt li fl-oħra kellu biċċa mkissra minn plattina. Kien hawnhekk li PC1413 għamel użu mit-*taser gun* fuq Zahra, iżda xorta ma rnexxielux jikkontrollah. F'dak il-mument, PC445 spara żewġ *warning shots* u b'konsegwenza l-imputat qabeż iċ-ċint ghal ġewwa l-bitħa tar-residenza biswit. Dan wassal lill-Pulizija sabiex jidħlu fir-residenza l-oħra, fejn arrestaw lil Zahra. *"Ta min issemmi ... **il-ħin kollu bdew jordnaw lil dan il-persuna sabiex iniżżel l-armi li kellu f'idejh fejn huwa ma bediex jobdi l-ordnijiet tagħhom**".*[8]

Sakemm waslu ambulanzi għal Mangion u Zahra li nżamm arrestat, ***"dan kompla jaggredixxihom"*** u sahansitra għamel ħsara fuq il-vettura GVP 174.[9]

Dan ir-rapport ġie konfermat minn **PS609 James Robert Magro**.[10] Is-Surġent kompla jiddeskrivi kif irrikorra fuq il-post tad-delitt wara li kien ġa talab l-assistenza tal-RIU. Kif wasal fuq il-post ma PC1027, sab l-imputat miżmum taħt arrest mal-art fejn karozza tas-servizz tal-pulizija. Ftit wara ġiet ambulanza u hadet lill-imputat l-isptar Mater Dei.[11]

Mangion ha l-verżjonijiet tal-Pulizija tal-RIU, PC1413, PC 405, PC 606 u PC752, fejn dawn spjegaw li mal-wasla tagħhom fuq il-post u ħabbtu mal-bieb tar-residenza, semgħu persuna maskili jgħajjat għall-għajjut minn ġewwa. Il-Pulizija ppruvaw jifqaw il-bieb iżda ma rnexxielhomx u għalhekk ppruvaw jidħlu mit-tieqa. Malli ppruvaw jidħlu mit-tieqa, ġie l-imputat u beda jxejjer sikkina u kif ukoll imqass f'idejh. Eventwalment, il-Pulizija rnexxielhom jidħlu fejn raw ħafna dmija mal-art u kif ukoll lill-vittma mixħut mal-art. Malli l-Pulizija daħlu fil-kċina, l-imputat ħareġ jiġri fil-bitħa u sussegwentement kellu jintuża t-*taser gun* sabiex jiġi ikkontrollat u kif ukoll ġew sparati żewġ *warning shots*. Jidher illi dak il-ħin, l-imputat rema l-oġġetti li kellu f'idejh u qabeż il-ħajt ghal ġo r-residenza l-oħra. Minn hemm, il-Pulizija marru fir-residenza l-oħra fejn irnexxielhom jarrestaw lill-imputat.[12]

---

7 Fol.16-17
8 Fol.17
9 Ibid.
10 Fo.57
11 Fol.57
12 Fol.57-58

L-**Ispettur Christina Delia,** tat ir-retroxena li wasslet għall-arrest tal-imputat. Flimkien ma l-Ispettur Elton Taliana, ġie interrogat l-imputat. In vista' ta' dak li stqarr l-imputat, ġie ordnat li jittieħed kampjun tad-demm u fil-fatt instab li dan kien taħt l-effett tad-droga.[13]

Fl-Istqarrija[14] rilaxxata nhar l-10 ta' Ottubru 2018, l-imputat qal li ma jaħdimx u li l-vittma Timothy Mangion kellu jdaħħlu jaħdem fir-restaurant ta' kuġinuh. Fid-9 ta' Ottubru 2018, waqt li miexi wara l-McDonald's ta' Birkirkara, lemaħ lil Mangion u staqsieh jekk kellux xi aħbar rigward ix-xogħol li kellu jsiblu. Mangion qallu li ried ikellmu u staqsieh jekk kellux flus fuqu dak il-ħin. Zahra wieġbu li kellu madwar €530-€540. Mangion qallu biex imur miegħu d-dar t'ommu għaliex dak il-ħin ma kienitx hemm u b'hekk setgħu jieħdu l-'coke'. Zahra staqsa lill-vittma għall-sigarett u dan tah sigarett tal-brim li kif appena ħadu beda jħossu stordut u mħawwad. Iddeskriva kif intilef minn sensih u Mangion poġġieh bilqegħda. Wara xi għaxar minuti qam u beda jħoss uġigħ f'rasu. Kif qam beda jiġġieled mal-vittma għaliex dak il-ħin, ma sabx il-flus li kellu fuqu. Zahra kompla li beda jgħajjat għall-għajjut u spiċċa qabeż fil-bitħa tal-ġirien. Barra r-residenza, kienu laħqu waslu żewġ pulizija u Zahra spjega li huwa ma bediex jemminhom li huma pulizija iżda imbagħad emmen li dawn kienu pulizija mal-wasla ta' vettura oħra tal-pulizija fuq il-post. Mistoqsi jekk fil-ħin li wasslu l-pulizija kellux mqass f'idejh, wieġeb "*ma niftakarx, jista jkun imma m'inhix cert*".[15] Ftit wara jgħid però illi ma kellu l-ebda imqass f'idejh.

Mill-istqarrija jidher li l-imputat ma ftakarx x'gara mal-wasla tal-pulizija u ċioe li aggredihom b'imqass u tornavit. Lanqas ma ftakar li kellu jintuża *taser gun* fuqu jew li ġew sparati ukoll żewġ *warning shots* mill-pulizija. Zahra saħaq li bilfors kien hemm xi ħadd iehor fid-dar ta' Mangion li issawwat minnu peress li waqt li qed jilletika ma Mangion ħass daqqiet fuq wara ta' rasu.[16]

**L-Ispettur Elton Taliana** jixhed kif wara li sar jaf li kien seħħ *stabbing* fi Triq Tumas Galea, Birkirkara, irrikorra fuq il-post ghal ħabta tat-15:00 hrs u sab lill-Ispettur Delia flimkien ma uffiċjali tal-RIU. Kif daħal fil-post innota li kien hemm ħafna dmija u kif ukoll taqlib. Jgħid illi l-involviment tiegħu kien biss sabiex jassisti lill-Ispettur Christina Delia. Taliana kkonferma ukoll li huwa kien preżenti waqt l-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat.[17]

---

[13] Fol.34-36
[14] Fol.6 et seq
[15] Fol.8
[16] Fol.6-8
[17] Fol.119-120

**Louis Grech**, ġar ta' Mangion iddeskriva kif dakinhar tal-każ hekk kif kien fil-garaxx sema' lill-martu tgħajjat li qabeż xi hadd fid-dar. Malli ħareġ jittawwal, lemaħ persuna dieħla minn go x-xibka. Grech jgħid li sema l-Pulizija barra r-residenza u kif fetaħ il-bieb, ra kommozzjoni kbira. Wara li Grech ħareġ barra, daħlu l-Pulizija u ħarġuh minn ġewwa r-residenza ta' Grech.[18]

Da parti tagħha martu **Doris Grech**, xehdet li hija fir-residenza biswit dik ta' Mangion. Dakinhar tal-incident, hija kienet fix-*shower* u semgħet lil xi hadd jgħid "*sinjura, ghinni*".[19] Ħarġet tigri go l-garaxx fejn kien hemm ir-raġel tagħha Louis Grech w informatu li qabeż xi hadd għandhom. Louis mar jiġri jitfaħ il-bieb ta' barra fejn kien hemm il-Pulizija u qalilhom li qabeż xi hadd għandhom. Minn hemmhekk, daħlu l-Pulizija fir-residenza tagħhom u ħarġu lill-persuna l-barra.[20]

**PC 1413 Antoine Agius,** stazzjonat mar-Rapid Intervention Unit, spjega kif fid-9 ta' Ottubru 2018, ghal ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar, meta flimkien ma' kollega tiegħu PC 606 kienu fuq *patrol*, ġew infurmati mill-*Control Room,* li fir-residenza 68, Triq Tumas Galea, Birkirkara, kien hemm persuna qed titlob għall-għajnuna. Kif marru fuq il-post u ħabbtu fuq il-bieb, instema' persuna maskili jgħidilhom sabiex jibqgħu il-bieb għaliex kien qiegħed imut. Dak il-ħin, huma ppruvaw jibqgħu il-bieb iżda ma rnexxielhomx. Għalhekk, il-kollega tiegħu, mar jipprova jidħol mit-tieqa tar-residenza li kienet tagħti għat-triq. Ftit wara, Agius mar sabiex jgħin lill-kollega tiegħu jidħol mit-tieqa fejn hemmhekk, Agius ra t-tieqa miftuħa ***"u persuna warajha b'tornavit u mqass f'idejh. Kif rajt hekk jien hrigt it-taser gun u ppuntajtulu. Kif dan l-aggressur ra li kont bit-taser, daħal jiġri il-ġewwa".***[21]

Agius ikompli jelabora li huwa talab għall-assistenza minn vettura oħra tar-Rapid Intervention Unit fejn ftit wara wasslu wkoll PC445 u PC752. Waqt li kien għadu barra, minn ġo t-tieqa Agius seta' jinnota persuna mal-art mimlija demm. Il-kollega tiegħu reġa' ipprova jisgassa l-bieb iżda l-imputat beda jżomm il-bieb minn ġewwa. Ftit tal-ħin wara, waslu l-kollegi tagħhom tal-RIU, u dak il-ħin, il-kollega ta' Agius, PC606, rnexxielu jisgassa l-bieb. Kif eżatt infetaħ il-bieb, l-imputat daħal jiġri 'l ġewwa fir-residenza. Agius ikompli li huwa daħal fir-residenza mit-tieqa u mar fejn il-vittma fejn dan infurmah li l-imputat kien qiegħed fil-kċina. Kif il-Pulizija avviċinaw lill-imputat, dan ħareġ fil-bitħa fejn tela' fuq ċint, u **beda jxejjer tornavit u imqass fid-direzzjoni tagħhom**. Dak il-hin, Agius spara it-*taser gun* iżda ma rnexxielux jolqot lill-

[18] Fol.83-88
[19] Fol.89-90
[20] Fol.90
[21] Fol.44- 45

imputat u għalhekk spara żewġ tiri ta' twissija fl-arja. Kif instemgħu t-tiri, *"l-imputat rema l-imqass u t-tornavit minn idejh u qabeż fuq hajt li kien fil-vicin tiegħu biex jahrab ghal dar tal-gara"*.[22] Minn hemm, huma ħarġu jiġru 'l barra u daħlu fir-residenza l-oħra fejn sabu lill-imputat fil-kurutur. Kien hemm li arrestawh u ħarġuh 'l barra.[23]

**PC 606 Joseph Ellul** filwaqt li ikkorrobora l-verżjoni ta' PC 1413 semma kif malli fetaħ it-tieqa tar-residenza, ġie l-imputat mat-tieqa u beda jxejjer imqass u tornavit f'idu, tant li hu kellu jersaq lura minnu.[24] Sadanittant, il-kollega tiegħu baqa' jipprova jifqa' l-bieb iżda ma rnexxielux. Hekk kif waslu kollegi tagħhom tal-RIU u rnexxielhom jiksbu aċċess għar-residenza ra dmija ma' kullimkien u persuna mal-art li qaltilhom li l-imputat kien daħal fil-kċina. Ikompli jirrakkonta li kif marru fil-kċina, **l-imputat ħareġ fil-bitħa u beda jxejjer imqass u tornavit**. Jispjega:

*"**Xhud**: ...Hin minnhom narawh jidħol hekk ghall-bitha lis-sinjur u morna dhalna fil-bitha ahna. Dan kien agitat ħafna u aggressiv, beda jxejjer l-hemm u l-hawn l-affarijiet.*

***Qorti**: Sadattant f'idejh x'kellu?*

***Xhud**: Kellu t-tornavit u l-imqass. Infurmajnih li konna ha nuzaw il-mezzi taghna u ġie sparat it-taser. Fejn milli jidher dak il-hin rajna li ma ħadimx, imma milli jidher ma laqtux bil-probe l-oħra igifieri. Dal-persuna baqa' aggressiv u kellhom jiġu sparati żewġ warning shots.*

***Qorti**: Min sparahom?*

***Xhud**: PC445. Dak il-hin kif sema t-tiri l-persuna nehha kollox minn idejh u qabeż iċ-ċint, qisu mhux hu igifieri, ghal ghand il-gara".*[25]

Kif qabeż, il-Pulizija marru fir-residenza l-oħra fejn hemmhekk qabdu lill-imputat u arrestawh. L-imputat kien mimli dmija u għalhekk ġiet imsejħa ambulanza għall-assistenza medika. Ellul kompla jispjega li **anke waqt li Zahra kien arrestat, l-imputat baqa' aggressiv u sahansitra għamel ħsara fil-vettura tal-pulizija**.[26]

**PC 445 Adrian Paul Bugeja** mill-RIU jixhed kif malli hu w kollegi tiegħu waslu fuq il-post fejn intalbet l-assistenza, ġew infurmati li kien hemm żewġ persuni fir-residenza, wieħed kienu qiegħed jgħajjat għall-għajjut filwaqt illi l-iehor

---

[22] Fol.45
[23] Fol.46
[24] Fol.48-49
[25] Fol.49
[26] Fo.50

kien qiegħed ixejjer imqass u tornavit kif il-Pulizija bdew jippruvaw jidħlu mit-tieqa. Wara li ppruvaw jibqgħu il-bieb, il-bieb ċeda u daħlu ġewwa fejn lemħu ħafna dmija mal-art u kif ukoll lemħu persuna tigri 'l ġewwa li eventwalment spiċċat ħarġet fil-bitħa.

Kif ħareġ fil-bitħa, **l-imputat beda jxejjer imqass u tornavit fid-direzzjoni tal-pulizija, u minkejja li kienu ordnawlu sabiex jarmi l-oġġetti li kellu f'idejh, l-imputat baqa' jirreżisti** u għalhekk kienu kostretti li jisparaw it-*taser gun* fuq l-imputat iżda dan ma ħadimx. Bugeja jispjega li huwa kien *back-up* u għalhekk meta ra li t-*taser* ma ħadimx, kien kostrett jispara tir ta' twissija sabiex jarmi l-armi. Kif l-imputat sema' t-tiri, rema' l-armi li kellu f'idu, tela' ma' hajt u qabeż fir-residenza tal-ġar. Dak il-ħin ħarġu barra, daħlu fir-residenza tal-ġar u arrestaw lill-imputat, ghalkemm dan **xorta waħda baqa' jirreżisti l-arrest**. [27]

**PC752 Justin Said,** mill-RIU, iddeskriva kif meta wasslu fuq il-post lemħu lil PC 606 u PC1413 li ġia kienu fuq il-post jippruvaw jidħlu fir-residenza. Malli niżlu mill-vettura, PC 606 rnexxielu jifqa' l-bieb u flimkien daħlu fir-residenza. Hemm sabu l-vittma mixħut mal-art u **sabu ukoll lill-imputat b'imqass u tornavit f'idejh** u malli lemaħom, ħareġ fil-bitħa biex jipprova jahrab. Ikkonferma li ġie sparat it-*taser* u fil-pront wara sema' żewġ tiri fl-arja bil-pistola. Hemm ra lill-imputat jaqbeż iċ-ċint u dlonk daħħlu fir-residenza biswit fejn arrestawh, *"Dħalna għalih ippuntajnilu l-armi u niżel. Nizel waħdu immanejtajnieh u hrignieh minn go din id-dar"*.[28]

**PS826 Matthew Parnis** u **WPC363 Caroline Meilak**, *scene of crime officers*, esebew ir-rapport konġuntiv[29] minn tagħhom li kien jinkludi wkoll teħid ta' ritratti w elevar ta' oġġetti w kampjuni minn fuq ix-xena.

Min din ir-relazzjoni jirrizulta li, fost oħrajn, instabu affarijiet relatati mat-teħid ta' droga, tornavit bil-manku isfar, plattina taċ-ċeramika imkissra biċċiet u imqass b'tiċpis ħamrani fuqu.[30] Kampjuni ta' oġġetti b'tiċpis ħamrani elevati ġew mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar.[31]

*Natura tal-Ġrieħi*

---

[27] Fol.80-81
[28] Fol.93-94
[29] **DOK.MP** a fol.144 et seq
[30] Fol.146
[31] Fol.151

Ġie esibit ċertifikat mediku,[32] ikkonfermat minn **Dr. Daphne Gatt**, li juri kif Mangion sofra feriti ta' natura gravi. Xehdet li Timothy Mangion kellu ħafna *"qtajja .... lacerations"* fuq idejh it-tnejn u kif ukoll fuq irkupptejh it-tnejn u qata' aktar fonda wara l-spalla tal-lemin. Meta staqsietu x'kien gara, Mangion kien qalilha li huwa kien iġġieled ma' "huh" u hi rat din bħala stramba peress li l-kunjom kien differenti. It-tabiba ċċertifikat l-ġrieħi bħala ġrieħi ta' natura gravi peress li jinvolvu l-idejn. Il-*lacerations* tal-idejn u l-irkoppi kienu superfiċjali.[33]

Da parti tiegħu, **Dr. Carlo Refalo**[34], spjega li huwa kien invista lill-<u>imputat</u> fid-9 ta' Ottubru 2018 ġewwa l-emerġenza. Jgħid li waqt il-vista, l-imputat deher aġitat ħafna u kellu *"deformita' fl-imnieher u kellu slih f'wiccu u fl-ispalla x-xellugija"*[35]. It-tabib iċċertifika il-ġrieħi ta' natura gravi[36].

**Dr. Mario Scerri**, espert mediku forensiku, xehed li Mangion kellu *"diversi lezjonijiet, kompatibbli ma lezjonijiet il-bicca il-kbira tagħhom **maghmulin bi strument li jaqta u ragged, bhal ma huwa imqass**. L-ebda waħda ma ppenetrat xi kavita', ghalkemm kellu lezzjonijiet fuq id-dahar. Pero', ma ppenetrawx xi torasic activity. Pero kien hemm xi **lezjonijiet fuq l-idejn, fuq il-pali tal-idejn u t-temporal region, li jistghu jibqghu bħala marka permanenti**"*[37]. It-tabib esebixxa ukoll ir-relazzjoni tal-ezami medikolegali fuq il-persuna ta' Timothy Mangion u Joseph Zahra.[38], mmarkat bħala **DOK MS**[39]**.**

Min-naħa l-oħra, Joseph Zahra kellu *"abbrazjonijiet bazikament kompatibbli ma blunt trauma u tbengil. Pero' kellu frattura ta' amasil bone, li hija lezjoni ta' natura gravi per durata"*[40]. Dr. Scerri spjega ukoll li kellu struzzjonijiet li jieħu kampjuni ta' demm ta' Joseph Zahra lil Dr Michael Scott-Ham, li rriżulta li Zahra kellu livelli ta' kokaina, apparti benzodasailc pills u affarijiet oħra.

Mir-relazzjoni medikolegali tat-tabib Scerri, jirriżultaw is-segwenti konklużjonijiet:

1. *Illi, nhar id-9 ta' Ottubru 2018, sehh incident fir-residenza li tinsab Casa Mangion, Triq Tumas Dingli, Birkirkara fejn allegatament jidher illi ntuza mqass. F'dan l-argument garrbu xi ġrieħi u ddahhlu l-isptar Timothy Mangion u Joseph Zahra;*

---

[32] Fol.12
[33] Fol.127-129
[34] Fol.130
[35] Ibid.
[36] Vide rapport mediku esibit u mmarkat **DOK CR** a fol.132
[37] Ibid.
[38] Dok.MS a fol.208A et seq
[39] Fol.208 A
[40] Ibid.

2. *Illi d-dbengila assocjata m'abrazjonijiet deskritti fuq il-moħħ ta' Timothy Mangion kienu* ***friski*** *u kompatibbli ma'* ***blunt trauma.***

3. *Illi l-lacerazzjoni deskritta fuq it-temporal region tal-lemin ta' Mangion kienet* ***friski*** *u kompatibbli ma' daqqa* ***magħmulha minn instrument bil-ponta.***

4. *Illi, l-lezjonijiet deskritti fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id ix-xellugija kienu friski u huma kompatibbli ma' lacerazzjonijiet* ***magħmula minn imqass.***

5. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq il-pala tal-id ix-xellugija kienu friski u kompatibbli ma' defensive injuries;*

6. *Illi, l-lezjonijiet deskritti fuq l-aspett laterali tad-drigħ tal-lemin ta' Timothy Mangion kienu friski u kompatibbli ma' daqqiet magħmula minn* ***strument bil-ponta****;*

7. *Illi, l-lezjonijiet deskritti fuq il-pala tal-id il-leminija u s-swaba tal-id il-leminija kienu friski u kompatibbli ma'* ***lezjonijiet magħmulin minn strument bil-ponta****.*

8. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id il-leminija u s-swaba tal-id il-leminija kienu friski u kompatibbli ma'* ***lezjonijiet magħmulin minn strument bil-ponta.***

9. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq il-pala tal-id il-leminija ta' Mangion kienu friski u kompatibbli ma'* ***lezjonijiet magħmula minn strument bil-ponta****;*

10. *Illi, l-lezjonijiet deskritti fuq il-qasba tas-sieq il-leminija kienu friski u kompatibbli ma'* ***lezjonijiet magħmulin minn strument li jaqta' u bil-ponta****;*

11. *Illi, l-lezjonijiet magħmulin fuq l-estremitajiet inferjuri kienu friski u kompatibbli ma' lezjonijiet magħmulin minn* ***strument li jaqta' u bil-ponta****;*

12. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq id-dahar kienu friski u kompatibbli ma' lezjonijiet magħmulin minn* ***strument bil-ponta****;*

13. *Illi dawn il-lezjonijiet kollha deskritti huma lezjonijiet ta' natura ħafifa għar-raguni li ma ppenetrawx waħda mill-kavitajiet iżda* ***l-lezjonijiet fuq il-pali tal-idejn u fuq it-temporal region tal-lemin jistgħu jibqgħu bħala marki permanenti u viziblli from within talking distance;***

14. *Illi d-dbengil u l-abrazjonijiet deskritti fuq il-wiċċ ta' Joseph Zahra kienu friski u kompatibbli ma' blunt trauma;*

15. *Illi l-lezjoni deskritta fuq l-id ix-xellugija kienet friska u kompatibbli ma' lezjoni magħmula minn strument bil-ponta. Din tista' tibqa' bħala marka permanenti iżda insinifkanti fl-id;*

16. *Illi d-dbengil deskritt fuq l-ispalla x-xellugija kienu friski u kompatibbli ma' blunt trauma;*

17. *Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq in-naħa tax-xellug tas-sider kienu friski u kompatibbli ma' grif;*

18. *Illi l-abrazjoni deskritta fuq l-irkoppa l-leminija kienet friska u kompatibbli ma' blunt trauma;*

19. *Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq l-aspett posterjuri tal-minkeb tax-xellug kienu friski u kompatibbli ma' blunt trauma;*

20. *Illi dan garrab frattura tal-nasal bones u din hija lezjoni ta' natura gravi per durata;*

21. ***Illi l-imqass li ġie muri lill-esponenti seta' ntuza f'san il-każ ghar-raguni illi dan jaghmel lezjonijiet simili ta' dawk misjuba u deskritti aktar 'il fuq.*** [Emfasi tal-Qorti]

**Dr Marisa Cassar** ppreżentat ir-rapport tagħha kontenenti analiżi għall-preżenza ta' demm u tad-DNA fuq il-kampjuni mgħoddija lilha.[41] Fir-rapport[42] tagħha, Dr Cassar ikkonkludiet is-segwenti:

*Mill-kampjuni 18CHU, 01,02,03, 05, 6A, mill-ħwejjeġ ta' ta' Timothy Mangion, mix-xafra tal-imqass 18CHU06 u miz-zarbun ta' Joe Zahra ħareġ profil genetiku li jaqbel ma' ta' Timothy Mangion. Meta wiehed jikkunsidra il-profil genetiku li ħareġ minn dawn il-kampjuni l-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Timothy Mangion hija 3.36 X10(20) iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' persuna oħra fil-popolazzjoni;*

*Meta wiehed jikkonsidra il-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun 18CHU10 S1, l-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Joe Zahra u Timothy Mangion hija 4.23 x10(17) iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' Joe Zahra u persuna oħra fil-popolazzjoni.*

*Meta wiehed jikkunsidra l-proful genetiku li ħareġ mill-kampjun 18CHU10 S2, l-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Joe Zahra u Timothy Mangion hija 5.75 x 10(17) iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' Joe Zahra u persuna oħra fil-popolazzjoni.*

*Meta wiehed jikkunsidra il-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun 18CHU10 S3 l-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Joe Zahra u Timothy*

[41] Fol.271-272
[42] **Dok.MC** a fol.273 et seq

*Mangion hija 6.52 x 10(12) iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' Joe Zahra u persuna oħra fil-popolazzjoni.*

*Meta wiehed jikkunsidra l-profil genetiku li ħareġ mill-kampju 18CHU6-Manku, l-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Joe Zahra u Timothy Mangion hija 3.4 x 10(14) iktar probabbli, mill-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' żewġ persuni oħra fil-popolazzjoni.*

*Meta wiehed jikkunsidra l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun 18CHU09 l-ipotesi li l-profil genetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Joe Zahra hija 2.97 x 10(17) iktra probabbli mill-ipoteso li l-profil genetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' persuna oħra fil-popolazzjoni.*[43]

**PC 1525 Patrick Farrugia** *scene of crime officer* mid-diviżjoni tal-ballistika, spjega kif minn fuq ix-xena tar-reat eleva u ppreserva żewġ skrataċċ ta' kalibru 9mm mill-bitħa ż-żgħira tar-residenza. Sussegwentement, Farrugia tkellem ma PC445 Adrian Paul Bugeja, li kien il-kuntistabbli li spara iż-żewġ tiri, u eleva mingħandu l-arma tas-servizz.[44]

L-imputat **Joe Zahra** għażel jieħu l-pedana tax-xiehda u beda biex issemmi kif fiż-żmien ir-reati adebitati lilu kien aflitt mill-problema tad-droga.[45] Semma kif kien fil-Wied ta' B'Kara, ħdejn il-McDonald's, fi triqtu biex iħallas ħabib tiegħu għal xi xogħol li tah għal bar li kien imexxi meta ltaqa ma Mangion li kien sar jafu ftit tal-jiem qabel f'post fejn kienu jabbużaw mid-droga. Kif ma rnexxilux issib lil ħabib tiegħu biex iħallsu ftiehem ma Mangion li jieħdu d-droga d-dar ta' Mangion imbghad imur iħallas lil sieħbu wara.[46] Jixhed:

*"waqt li kont diehel id-dar tiegħu forsi erba` kantunieri l-boghod ħareġ sigarett u hu kien qalli li huwa joint tal-Cannabis u fil-verita ma kienx Cannabis ghax malli pejjipt erba` nifsijiet minnu …. Gejt bla sahha u spiccajt dhalt mieghu u kelli fawra go wicci u x' hind halt id-dar tiegħu beda jitlobni biex intih il-flus ……..u jiena x' hin hrigt il-flus u tajtu biex intih dan li kelli biex nohrog kelli 580 kont ser intih forty minnhom ghax kelli naghti 500 lil tal-hanut l-iehor u l-ohrajn hadthom finta u waqt li dan qabad biex jehodli l-flus nsomma u dahhalt idi fil-but u kont bla sahha hux u dan beda jhebb ghalija u sawwatni anke go rkubbtejja u hekk u kelli ncedi u kelli ntihomlu u mbaghad wara li ghadda l-hin bdejt inhossni qisni ha nqum u ghidt li ahjar noqghod daqsxejn oħra ghax ma kontx 100% li nista nqum. X' hin qomt u jien kont naf x' ghamilli u x' m ghamillix u tlabtu l-flus qabad imqass….. Dan Timmy u beda jtini bih u kien tani go jdejja, kissirli mniehri bil-ponn u tani daqqiet hawn go wicci …. U dak il-hin ma nafx imma gietni sahha barranija u ma nafx kif dan tajtu daqqa u waqghalu l-imqass, mort ghall-imqass u x' hin mort ghalih bl-imqass qabad tornavit jigifieri minn god-dar*

[43] Fol 263-264
[44] Fol.290-292
[45] Fol.355-356
[46] Fol.356-358

*tiegħu stess u hemmhekk imbaghad qbadtlu jdejh u rnexxieli … Ferejtu sakemm ġew il-Pulizija."*[47]

Dwar ir-reazzjoni tiegħu fil-konfront tal-Pulizija jistqarr li ma kienx konxju ta' dak li kien qed jiġri peress li sab ruħu fi stat ta' paniku tant li lanqas għaraf li kienu pulizija.[48] In kontro-eżami jikkonferma li fil-jum tar-reat l-bar ma kienx għadu ġestit minnu.

Il-Qorti ftit li xejn tista' tagħti affidabbiltà lil din ix-xiehda li tibqa ma tispjegax kif l-imputat ma kienx f'posizzjoni jagħraf li kien hemm uffiċjali tal-pulizija fuq il-post fejn hu paċifiku li membri tal-pulizija li rrikorrew fuq il-post mid-distrett ikunu b'uniformi kif ukoll membri tal-RIU għandhom ilbies li juri biċ-ċar li dawn huma uffiċjali tal-pulizija.

L-imputat jevita li jaghti spjegazzjoni għall-fatt li kien qed iġorr mqass u tornavit b'dan tal-aħħar qatt ma jsemmi li xi ħin kien f'idejn Mangion, billi konvenjentement jgħid li ma kienx jaf x'kien qed isehh.

Iżda aktar importanti minn hekk, l-imputat jonqos milli jaghti spjegazzjoni għalxiex kien hemm oġġetti konnessi mat-teħid tad-droga kokaina u fejn ma nstab l-ebda joint tal-cannabis kif jallega. Fir-rapport tas-*scene of crime officers* jidhru l straw u blokok ta' xi sustanza li jsemmi Mangion.[49] Indikazzjoni li mhu veru xejn li dak li gara lil Zahra seħħ meta kienu għadhom *"erba` kantunieri l-boghod "*[50] mir-residenza wara li ha xi nifsijiet minn joint li suppost għaddielu Mangion!

Tassew ir-riżultanzi proċesswali jikkorroboraw il-verżjoni ta' Mangion u jgiddbu dik tal-imputat.

Madanakollu jingħad ukoll li ġie pruvat - u dan mhux mir-relazzjoni ta' Dr. Scott-Ham li baqgħet ma ġietx konfermata minnu - iżda mill-istqarrija tal-imputat innifsu kif ukoll minn dak li xehed il-vittma, li l-imputat fiż-żmien tar-reati minnu mwettqa kien taħt l-effett tad-droga.

Ikkunsidrat,

***L-Ewwel Imputazzjoni***

---

[47] Fol.359-

[48] Fol.361

[49] Fol.167-168

[50] Fol.359

Rigward l-ewwel Imputazzjoni, l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ sal-grad taċ-ċertezza morali. Jirriżulta li l-imputat wettaq volontarjament offiżi gravi fuq Timothy Mangion.

Issa fiż-żmien li Dr. Mario Scerri eżaminha lil Mangion, dakinhar tal-akkadut, ikkonstata li l-ġrieħi subiti minn Mangion:

> *"Illi dawn il-lezjonijiet kollha deskritti huma lezjonijiet ta'* ***natura hafifa*** *ghar-raguni li ma ppenetrawx waħda mill-kavitajiet iżda* ***l-lezjonijiet fuq il-pali tal-idejn u fuq it-temporal region tal-lemin jistghu jibqghu bħala marki permanenti u viziblli from within talking distance;".***

Sakemm il-prosekuzzjoni għalqet il-każ tagħha fis-26 ta' Frar, 2020 baqgħet ma resqitx l-istess espert sabiex jirrelata dwar il-permanenza o meno ta' dawn il-ġrieħi. Għaldaqstant fin-nuqqas ta' prova sal-grad rikjest li dawn il-ġrieħi jikkwalifikaw bħala ta' natura gravi fid-definizzjoni tal-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ssib li dawn il-ġrieħi jikkwalifikaw biss bħala gravi fit-tifsira kontemplata bl-artikolu 216 tal-Kodiċi.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:[51]

> **Il-kwistjoni ta' jekk offiża hix waħda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-każ ta' guri, għalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'iejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setghet ġiet ikkagunata dik l-offiża, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fi-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża.**

L-istess Qorti diversament preseduta, eżaminat *funditus* it-tipi ta' offiżi fuq il-persuna fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[52]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-liġi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza għal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u

[51] Per Onor. Imħallef David Scicluna

[52] Per Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.; Appell Nru. 496/2015. Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

jgħid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);

18. Meta offiża ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew waħda mill-idejn, dik l-offiża tkun waħda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum għal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

> **B'mankament … fil-wicc, il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiża tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiża kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali għal dawk l-estremitajiet tal-ġisem li solitament huma dejjem mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiża fuq il-persuna tista' tkun waħda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura għal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'waħda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal-hekk imsejha "offiża gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza għal-diversi sentenzi

oħra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit oħra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsemmija 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-liġi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem ieħor, offiża gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-ġisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka għal ftit hin kif fuq spjegat. F'każ ta' permanenza, dik l-offiża tkun gravissima. Issa jekk l-offiża ssir fuq parti oħra tal-ġisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx waħda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiża mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti oħra tal-ġisem, l-offiża hija waħda hafifa. Għalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab ħtija ta' offiża gravi qed tinsab ħtija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiża hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2);

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Caruana:** [53]

> .....Dr. Scerri kien ezamina lill-kwerelant dakinhar talincident u fid-deposizzjoni tiegħu sentejn wara, dik tat-12 t'April 2012, Dr. Scerri jgħid hekk: *"Naf li din ic-cikattrici ghadha preżenti pero' mhux daqshekk konspikwa minn talking distance"* (fol 36);
>
> 6. L-artikolu 216 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi, jekk, inter alia skond is-subartikolu (b) iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiz. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccitat b'approvazzjoni s-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996............,
>
> 7. Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfregju fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wicc iggib nefħa wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefħa tghaddi wara ftit jiem. L-istess principju ser ikun diskuss filkonsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza;
>
> 8. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiża tkun tali li **"tista"** thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiża **tista** ggib periklu tal-hajja, ta' debulizza permanenti fis-sahha, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-mohh, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-sahha, l-marda fil-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett **"jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk".** Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa bizzejjed li l-offiża kienet fuq l-

[53] Per Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D. Seduta tas-27 t'Ottubru, 2016 Appell Nru. 220/2014

idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward;

.........

Dik is-sentenza[54] ccitat ukoll dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk:

> **L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet talgisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk imbaghad, lisfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiża gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b) … L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiża ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni filwicc. Dan mhux korrett. Kif ga' nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiża gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfregju.**

10. Dwar din l-offiża, l-ewwel Qorti *"kkonstatat icto oculi dak li xehed it-tabib Mario Scerri li l-marka fuq wicc l-kwerelant kienet visibbli biss minn talking distance u ma tistax pero' tinjora l-fatt li skond l-imsemmi tabib tista' tibqa' permanenti".* Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara de visu l-offiża li minnha jilmenta l-kwerelant u fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016 kienet konstatata cikkatrici zghira eżatt fin-nofs tal-parti frontali ta' wicc il-kwerelant minn talking distance. Din il-Qorti iżda tistqarr li kellha tistaqsi lill-kwerelant jindika fejn kienet ic-cikkatrici u dan peress illi ma kienitx daqshekk vizibbli. Dan iżda wahdu ma jtellef xejn mill-element materjali tar-reat ravvizat fl-artikolu 216(1)(b) anzi jassoda dak li l-ewwel Qorti kkonstatat bħala offiża fuq il-fronti tal-kwerelant. Il-fatt li llum l-ferita ma tantx baqghet daqshekk vizibbli ma jfissirx li l-kwerelant ma sofriex sfregju fid-data tal-incident. Ifisser, ghall-kuntrarju, illi dakinhar l-kwerelant kien verament sofra sfregju kif konfermat mit-tabib li kkurah u li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet ħtija fl-appellant.

[Sottolinejar tal-Qorti]

Sentenza oħra minn dik il-Qorti ddikjarat:

> Mill-punto di vista ta' dritt huwa minnu dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, li l-mankament jew sfregju jista' jkun anke wiehed temporanju1 u mhux mankament jew sfregju gravi – jekk l-isfregju jkun gravi u permanenti allura jkollok l-offiża gravissima taht l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Pero` ghall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) in dizamina irid ikollok dejjem "mankament" jew "sfregju" f'waħda millpartijiet tal-gisem indikati f'din id-disposizzjoni – wicc, ghonq jew idejn. Il-kliem "mankament" ("deformity" fit-test ingliz) u "sfregju" ("disfigurement") ma humiex sinonimi.............
>
> Ghalkemm it-tabib Dott. Dennis Mallia a fol. 28 tal-atti jgħid li l-offiża hija gravi "minħabba l-post fejn kienet qieghda li kienet fil-wicc", il-posizzjoni fil-wicc wahedha mhix bizzejjed – kif inghad,

---

[54] **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru, 1999

wiehed irid jara l-entita` tal-hsara biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li hemm "deformity" jew "disfigurement". Hekk, per ezempju, kieku d-daqqa jew daqqiet fil-wicc igibu nefha jew nefhiet, wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament, anke jekk tali nefha tghaddi wara ftit jiem. Ovvjament, aktar ma jkun hemm offizi fil-wicc aktar jista' dak li jkun jitkellem dwar mankament jew addirittura sfregju. ........

Huwa minnu li, kif iddepona l-okulista Dott. Jeffrey Zarb Adami, wara daqqa fuq l-ghajn hemm dejjem possibilita` fil-hames snin ta' wara li tizviluppa ketarretta; iżda il-liġi tipprovdi, fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 216, li "jitqies li l-offiża setghet iggib dak il-perikolu fil-każ biss illi dan il-perikolu kien probabbli minħabba n-natura jew ilkonsegwenzi naturali ta' l-offiża" (sottolinear ta' din ilQorti). Mera possibilita`, għalhekk, anzi – fi kliem Dott. Zarb Adami – "cans zghir" (fol. 204) jew "riskju zghir" (fol. 206) ma tilhaqx il-livell tal-probabbli rikjest mill-imsemmi subartikolu.[55]

L-istess Qorti diversament preseduta kellha dawn il-konsiderazzjonijiet x'tagħmel:

Fil-każ in ezami l-ewwel Qorti osservat li l-offizi li jidhru fic-certifikat mediku (Dok. AB a fol. 13) għandhom jitqiesu bħala offizi ta' natura gravi a tenur ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, u cioe` offizi li gabu sfregju fil-wicc. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara hi stess lil Clyde Muscat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 u setghet tosserva li ghadhom jidhru marki zghar li jidhru mill-vicin. L-istess Clyde Muscat fil-fatt osserva: "Ma tantx jidhru". Ciononostante, dawn il-marki xorta jikkostitwixxu sfregju a tenur tal-liġi. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Camilleri** deciz fil-15 ta' Gunju 2001, intqal:

**"Skond kif jiddisponi l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, galadarba jirrizulta li hemm ferita fil-wicc, tali ferita għandha titqies bħala gravi w dan irrispettivament minn jekk dik hiex ta' natura permanenti jew le. Ic-cirkostanza tal-permanenza o meno ta' dik il-ferita fil-wicc tittiehed in kunsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk dik l-offiża kinitx gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 biss, jew kinitx gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218."**[56]

Għalhekk fid-dawl tal-ġurisprudenza appena enunċjata, in vista tal-fatt li skond it-tabib Scerri dawn il-marki fuq l-id u t-*temporal region* setgħu jibqaw waħda ta' natura permanenti, dan jammonta għal sfreġju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Il-kumplament tal-ġrieħi huma klassifikati bħala ta' natura ħafifa.

***It-Tieni u t-Tielet Imputazzjoni***

---

[55] Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano. Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008 Appell Kriminali Numru. 370/2007 **Il-Pulizija v. Desmond Falzon**

[56] Per Onor. Imħallef David Scicluna. Seduta ta' l-4 ta' Ġunju, 2008 Appell Kriminali Numru. 412/2006 **Il-Pulizija v. David Grech**

Ghalkemm jirriżulta li l-imputat baqa jirreżisti lil-uffiċjali li pproċedew għall-arrest tiegħu, fortunatament ma jirriżultax li dawn wasslu sabiex jiġu kawżati xi ġrieħi fuq dawn l-uffiċjali.

Iktar minn hekk mix-xiehda ta' **PC752 Justin Said** jirrizulta li meta l-uffiċjali daħlu fir-residenza tal-koppja Grech, *"Dħalna għalih ippuntajnilu l-armi u niżel. Nizel waħdu immanejtajnieh u hrignieh minn go din id-dar"*.[57] Jidher li ir-reżistenza kompliet fuq barra, tant li anke l-vettura tal-pulizija ġarrbet ħsarat.

Hemm distinzjoni netta bejn ir-reati kontemplati bl-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti diversament preseduta għamlet eżami *funditus, inter alia*, ta' dan l-artikolu, fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Daniele Festari u Redeemer Bonnici:**[58]

> Illi bid-dovut rispett, il-ġurisprudenza tgħallem li Pulizija mhux qiegħed hemm biex targumenta miegħu jew biex jiġi użat minflok "punching bag", kif b'xorti ħażina qiegħed jidher li qiegħed jiġri tul dawn l-aħħar snin. Għalkemm huwa fattur pożittiv li matul is-snin saret kampanja sħiħa ta' għarfien liċ-ċittadini dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom li jitnisslu minn għixien f'soċjeta ħielsa u demokratika, matul din it-triq pero ħafna mill-istess ċittadini insew warajhom x'inhuma l-obbligi tagħhom lejn is-soċjeta u x'inhu r-rispett lejn l-Awtorita'
>
> ……
>
> Il-ġurisprudenza tgħallem li mal-Pulizija ma targumentax, anke jekk wieħed iħoss li l-azzjoni tagħhom mhix ġusta. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post mingħajr aktar inkwiet. L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu kkonstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-riċevent għax hekk iħoss jew għax hekk jidhirlu. Dawn l-ordnijiet leġittimi qeghdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-ġustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[59] Altrimenti kieku dan ma kienx hekk kien ikun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u kif jogħġobha mingħajr ħadd ma jista' jżommha jew irazzanha:- kulħadd jagħmel li jrid u jogħġbu ikunu xi jkunu l-azzjonijiet tiegħu. Bid-dovut rispett għal min jaħseb hekk, din hija filosofija li twassal biss għall-kaos u fejn allura tirrenja l-liġi tal-ġungla u mhux l-Istat tad-Dritt
>
> …..
>
> Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument Bonnici kellu raġun iħossu inġustament arrestat, ir-reazzjoni tiegħu ma kellhiex tkun dik deskritta mill-Pulizija li xehdu f'dan il-każ. L-iżball li għamel l-imputat kien li meta ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Pulizija huwa ma rrikorriex għall-metodu

---

[57] Fol.93-94

[58] Per Onor. Maġistrat Aaron Bugeja; Seduta 30 ta' Settembru, 2015

[59] Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano, **Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze;** Qorti tal-Appell Kriminali; Seduta 25 ta' Ġunju, 1997.

legali biex jagħmel ir-rimostranzi tiegħu ċjoe li **jobdi l-ordni leġittimu mogħti mill-pulizija bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dik l-ordni.** Kieku għamel hekk l-effetti ta' dan l-inċident ma kienux ikunu daqshekk gravi kontrih. Iżda b'xorti ħażina l-imputat ma għamilx hekk u għażel li jħalli t-tempra tagħmel bih, u rrikorra għal aktar minn sempliċi rimostranza. U jekk kellu raġun, issa spiċċa li poġġa lilu nnifsu fit-tort.

Issa għalhekk f'dan il-każ ta' Redeemer Bonnici l-Qorti tqis li għandu japplika dak li għallem l-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn qal li : -

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-każ, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-każ tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-libertà' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna tagħhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

…….

Il-Qorti terġa ttenni dak mistqarr aktar il-fuq fis-sentenza ġja ċitata ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn l-Imħallef Harding qal li : -

> Fil-każ tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-libertà' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna tagħhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Jirriżulta li meta seħħ dan l-inċident u ps 887 ġie mbuttat lura, huwa kien qiegħed fil-mument tal-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu kif ukoll jeżerċita setgħa fil-vesti tiegħu ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li l-Pulizija de quo, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ġie attakkat (jew aħjar attakkati – għax kien hemm aġenti tal-pulizija oħra li sofrew konsegwenzi) bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, **fil-waqt** li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi **u** l-attakk jew reżistenza hija sorretta kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mid-dottrina. Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiż mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra uffiċjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghti skond il-liġi mill-awtorità' kompeteni. Meta uffiċjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat,

> huwa jkun certament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Izda meta uffiċjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tiegħu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-liġi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qiegħed jaghmel is-servizz pubbliku tiegħu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Inoltre, fil-każ ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deċiż nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :

> Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni moghti skond il-liġi minn xi awtorità` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tingħata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti ġiet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-eżekuzzjoni tal-liġi hija meħtieġa. Hekk per eżempju fil-"**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**", Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodiċi Penali ta' diversi Stati Taljani, inkluż dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi għar-reat ta' "ribellione" li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali Malti jidher modallat), jagħti s-segwenti eżempju : -

> 8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **nell'atto stesso ch'egli agisce per l'esecuzione delle leggi e degli ordini dell'autorita' pubblica e trovasi cosi' nell'attuale esercizio delle sue funzioni** – *Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg."* (Enfazi mizjuda).

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirriżulta car li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjaħ minflok "ribellione" u dan fuq it-tagħlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bażi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-uffiċjali ezercenti awtorità pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jiġu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pożittiva ta' kommissjoni li turi "l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi" u ċioe l-*vires* privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem għalhekk antagoniżmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-eżercizzju tiegħu.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet**:[60]

> Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jaghmel

[60] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju, 2016

servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ili l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tiegħu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-oħra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorità', ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-liġi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'uffiċjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali, il-Qorti tqis li l-fattispecie ta' dan il-każ ma jistgħu qatt jinkwadraw wriehom fir-reat kontemplat bl-artikolu 96 in vista tal-fatt li r-resistenza saret meta l-imputat kien diġà arrestat. Fil-każ in deżamina Zahra jitqies li għemilu jikkostitwixxu biss *"vie di fatto"* fejn dak l-għemil kien xprunat mix-xewqa li jkun ħieles minn kull restrizzjoni w jakkwista l-libertà proprja.

Lanqas ma jirriżulta li l-imputat wettaq xi offiża fuq l-uffiċjali tal-pulizija, inġurjahom jew heddidhom kif jikkontempla l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali

u dan seħħ minħabba li xi uffiċjal għamel servizz pubbliku jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Għalhekk ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għal dawn l-imputazzjonijiet.

***Ir-Raba Imputazzjoni***

*Ħsarat fuq GVP-174*

Il-vettura GVP-174 ġiet esibita formalment mill-Uffiċjal Prosekutur.[61]

Xehed **PS855 Malcolm Buttigieg,** stazzjonat fil-garage tal-Pulizija, fejn spjega li huwa ġie mitlub jippreżenta stima tal-hsarat li saru fuq il-vettura tal-RIU numru ta' reġistrazzjoni GVP 174 , liema ħsarat ġew ikkawżati minn Zahra: *"il-hsarat kienu jikkonsistu f'żewġ ghafsiet li kienu qedin fuq il-pilastru tal-bieba ta' wara. Li jikkonsistu fi spejjez ta' panel beating u spray. L-ammont totali huwa ta' Euro 170. Stima li ghamilna meta tkellimt ma' l-istess panel beater u sprayers li hemm fis-sezzjoni taghna."*.[62] L-istima ġiet preżentata minnu.[63]

**Stephen Cachia,** rappreżentant ta' Transport Malta, xehed rigward il-vettura GVP 174 u spjega li din il-vettura ta' għamla Ford Focus hija registrata fuq il-Kummissarju tal-Pulizija mit-3 ta' Novembru 2015.[64]

Din l-imputazzjoni għaldaqstant tirriżulta soddisfaċentement ippruvata.

***Il-Ħames Imputazzjoni***

Ġie esibit minnha l-*bail book*[65] minn fejn jirriżulta li l-imputat naqas milli jiffirma bejn is-27 ta' Settembru 2018 u t-18 ta' Ottubru 2018.

Ġew konfermati wkoll il-kondizzjonijiet li dwarhom ingħata l-libertà kondizzjonata mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri fit-22 t'Ottubru, 2012.[66]

---

[61] Verbal a fol.206
[62] Fol.112-113
[63] **Dok.MB** a fol.114
[64] Fol.115. Vide ukoll dokument esebit u mmarkat **DOK SC**, a fol.117 fejn hemm indikat li l-vettura GVP 174 hija reġistrata fuq *Commissioner of Police*. Vide ukoll fol.136-137.
[65] Dok.CD2 a fol.43
[66] Fol.19

Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi evidenza li, fiż-żmien tar-reati addebitati lil Zahra, dawk il-kundizzjonijiet kienu għadhom **viġenti,** għalkemm il-probabbilità kbira hi li hekk hu peress li f'kull digriet dwar ħelsien mill-arrest hemm kundizzjoni li l-imputat ma jikkomettix reat ieħor ta' natura volontarja, kundizzjonijiet li l-liġi stess tipprefiġġi bl-Artikolu 575(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.[67]

Lanqas ma ġie pruvat jekk qatt kienx hemm revoka tal-arrest permezz ta' xi sentenza oħra jew jekk l-ammonti tal-garanzija ġewx varjati.

Dan hu rekwiżit essenzjali biex jiġi pruvat ksur ta' digriet tal-kundizzjonijiet li fuqhom imputat ikun ngħata l-ħelsien mill-arrest. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċediment **Il-Pulizija vs Tyson Grech** każ fejn l-imputat kien akkużat li ma kienx qed isegwi l-kondizzjonijiet ta' rinkażar, sostniet:[68]

> Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li l-Qorti tal Maġistrati ma setgħetx b'mod legali ssibu ħati għaliex il-każ ma kienx ippruvat lil ħinn minn kull dubju raġonevoli. Jisħaq li l Prosekuzzjoni ma ressqitx lir-Reġistratur tal-Qorti biex sabiex jikkonferma: (a) iż-żewġ digrieti u l-awtentiċita' tagħhom, (b) li l kawżi għadhom pendenti, (ċ) li d-digrieti għadhom viġenti u (d) li d-digrieti ma nbidlux .................
>
> Illi l-appellant jisħaq li kellu jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti dwar dak li ġie msemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti tinnota li dan waħdu mhux neċessarju u ser tgħid ir-raġunijiet għala.
> Illi fir-rigward tad-digriet tal-libertà' proviżorja datat 9 ta' Settembru 2019 (Dok. "JR 2" – a fol. 5) li l-Uffiċjal Prosekutur fuqu huwa ndikat bħala l-iSpettur Eman Hayman, din il-Qorti tinnota li minkejja li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-7 ta' Settembru 2021 (a fol. 8 et seq.) hemm imniżżel li d-difiża kienet qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lill-iSpettur Eman Hayman sabiex jidentifika lill-appellant bħala l-istess Tyson Grech imsemmi fid-digriet in kwistjoni, m'hemmx imniżżel pero' jekk il-kundizzjoni tar-rinkażar kienitx għadha in vigore jew jekk 6 293/2021/1 NC kienitx ġietx varjata u jekk il-proċeduri in kwistjoni kienux għadhom fis-seħħ. Dan kien neċessarju li jsir u fin-nuqqas ta' tali eżenzjoni fis-sens appena msemmi, l-iSpettur Eman Hayman kellu jiġi prodott biex jixhed dwar dan. Minkejja li l-Ġudikant fil-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest fid-9 ta' Settembru 2019 kienet l-istess waħda li tat is-sentenza appellata, pero' l-provi għandhom jirriżultaw mill-atti proċesswali u minn imkien ieħor.
>
> Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identità' għall-fini tar-reċidiva u l prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja

[67] **Dok.EGF6** a fol.285, para.4
[68] Per Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Seduta 22.05.2023; Appell Numru 293/2021/1

ma nġabitx mill Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill Prosekuzzjoni.
[emfasi ta din il-Qorti]

Għaldaqstant l-imputazzjoni numru ħamsa ma ġietx ppruvata sal-grad mistenni mill-Prosekuzzjoni.

**Piena**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tal-akkużi li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li mhux xi first-time offender u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolarment li dawn l-akkużi jirrisalu għas-sena 2018. Parti mill-kbira tad-dewmien kien attribwibbli għan nuqqas ta' dehra tal-imputat u għan-nuqqas tiegħu li jmexxi l-każ il-quddiem bl-ispeditezza rikjesta. Ġie kunsidrat ukoll iż-żmien xejn feliċi li l-imputat kien għaddej minnu fiż-żmien tal-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Issa l-artikolu 217(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **217.** L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew inniggeż, ......

Kif deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[69]

> Illi umbaghad, kif anki ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"... bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika "*
>
> u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

[69] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Stephen Mamo** Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano, Deċiża 23 ta' Lulju, 2010, Appell Nru. 27/2010

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, **Il-Pulizija vs Alfred Galea,** il-Qorti kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel:[70]

> Illi in linea generali jibda biex jinghad li:
>
> *-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.*[71]
>
> Illi c-ċirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' ċirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fiddiskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.
>
> Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[72] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:
>
>> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
>>
>> (a) Retributtiv;
>>
>> (b) Preventiv; u
>>
>> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>>
>> **L-aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara

---

[70] Per Onor. Maġistrat Dr. J. Mifsud. Deċiża 28 ta' Ottubru, 2021 Kumpilazzjoni numru: 584/2016

[71] Ref **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006

[72] Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t' Ottubru 2019

lis-soċjeta bilkommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.

**L-aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

**L-aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. **L-effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. **L-aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm **l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva

F'dan l-isfond tajjeb li ssir riferenza wkoll għal dak li hu l-iskop tal-piena. Fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kunsidrat: [73]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.[74]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[75]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[76]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jieħu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:

---

[73] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[74] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deciża 28.11.2006.

[75] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

[76] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reati ta' vjolenza gratwita jħallu fuq il-membri tas-soċjetà. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li minkejja ċ-ċirkostanzi tal-każ, kien Zahra li għażel jabbuża mid-droga u għalhekk għandu jiffaċċja l-konsegwenzi ta' għemilu. Vjolenza gratwita ma tista' tiġi tollerata. Multo magis meta din isseħħ fl-erba' ħitan ta' daru, il-post li għandu jitqies bħala l-iktar sikur fejn il-bniedem isib il-kenn u l-protezzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, mit-tielet u mil-ħames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(b), 217 u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra[77] u tikkundannah għal **tlieta w tletin (33) xahar priġunerija** minn liema terminu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat għamel taħt arrest.

Inoltrè ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ <u>Ordni ta' Trażżin</u> fil-konfront tal-imputat a favur ta' Timothy Mangion għal żmien tlett (3) snin.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **ħamest elef, sitt mija erba w ħamsin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€5,654.63c)**-rappreżentanti l-spejjeż peritali.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Maġistrat**

---

[77] Imputazzjonijiet nurmru wieħed (1) u erba(4).